Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Novembru 2023**
**(OR. en)**

**15489/23**

**SOC 784**
**EMPL 561**
**EDUC 443**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) għal-Lussemburgu<br>- Adozzjoni |

1. Il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2023[1]. Madankollu, ċerti membri u membri supplenti kellhom jinħatru aktar tard.

2. Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 2023 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) (ĠU C 116, 31.3.2023, p. 15).
[2] ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90.

3. Is-Segretarjat tal-Kunsill irċieva n-nomini ta' membru u membru supplenti għal-Lussemburgu tal-Bord tat-Tmexxija mġedded, kif jinsab fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dok. 15488/23[3].

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:

a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tas-Cedefop għal-Lussemburgu, kif jinsab fid-dokument 15488/23, bħala punt "A", u

b) jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni għall-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[3] Test iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti.